

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 541/2011

tal-1 ta' Ġunju 2011

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tas-sustanzi attivi approvati

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat kif ġej:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2) tiegħu,

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Billi:

“Artikolu 1

Is-sustanzi attivi, kif inhu stipulat fil-Parti A tal-Anness, għandhom jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(1) Huwa xieraq li jiġu elenkati s-sustanzi attivi li huwa meqjus li għandhom jiġu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u s-sustanzi attivi approvati skont dak ir-Regolament f'Partijiet separati tal-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽²⁾.

Is-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma daww elenkati fil-Parti B tal-Anness.”

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 540/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(2) L-Anness mar-Regolament (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali,

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidholl fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu jibda japplika mill-14 ta' Ġunju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.⁽²⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 540/2011 għandu jġi emendat kif ġej:

(1) Fit-titolu tal-Anness il-kliem **“SUSTANZI ATTIVI APPROVATI GĦALL-UŻU FIL-PRODOTTI TA’ PROTEZZJONI TAL-PJANTI”** għandu jġi sostitwit b’dan li ġej:

“PARTI A

Sustanzi attivi li huma meqjusa li ġew approvati skont ir-regolament (KE) Nru 1107/2009”

(2) Il-kliem “Dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għas-sustanzi kollha elenkati f’dan l-Anness:” għandu jġi sostitwit b’“Dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għas-sustanzi kollha elenkati f’din il-Parti:”

(3) Il-Parti B li ġejja għandha tiġi miżjuda:

“PARTI B

Sustanzi attivi approvati skont ir-regolament (KE) Nru 1107/2009

Id-dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għas-sustanzi kollha elenkati f’din il-Parti:

- għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 b’rabta ma’ kull sustanza, il-konklużjonijiet tar-rapport ta’ revizzjoni dwarha, u b’mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, għandhom jitqiesu;
- l-Istati Membri għandhom iżommu disponibbli r-rapporti ta’ revizzjoni kollha (minbarra informazzjoni kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009) għall-konsultazzjoni minn kwalunkwe parti interessata jew għandhom ipoġġuhom għad-dispożizzjoni tagħhom fuq talba speċifika.

| Numru | Isem Komuni, Numri ta’ Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità (*) | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|-------|---|----------------|------------|------------------------|----------------------------|-----------------------------|
| | | | | | | |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapport ta’ revizzjoni.”